**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***Drogi 148/96***

***Pulizija***

***Sp.Jimmy Abela u Anthony Polidano***

***v***

***Silvio Buttigieg***

Illum 15 ta' Frar 2001

Il-Qorti,

Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat huma bazati fuq ir-reati ta' **Pussess Illegali** ta' droga **eroina** fit-28 ta' Mejju 1996 u matul l-ahhar xhur qabel din id-data; u ksur tal-kondizzjoni tas-sentenza sospiza.

Illi mill-kumpless tal-provi rrizultaw sodisfacentement provati skond il-ligi l-akkuzi deodotti kontra l-imputat.

Illi in propositu ghal piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li jrrizulta li l-imputat ghandu problema tad-droga, u ma thoss li f' dan il-kaz ghandha tordna li s-sentenza sospiza mghotija minn din il-Qorti fit-23 ta' Gunju 1994 fl-istess ismijiet tigi fis-sehh; izda minflok ghandha tvarja l-ordni originali. Inoltre in vista tac-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tpoggi lill-imputat that is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation ghal certu tul taz-zmien

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond l-ewwel akkuza ai termini tar-regolament 8 tal-GN 292/39; izda minflok imposizjoni ta’ piena qed tpoggi lill-istess imputat that ***is-sorveljanza tal-ufficjal tal-probation Mary Grace Vella ghal zmien tlett snin*** bil-obbligu li l-istess imputat joqghod ghall-kondizzjonijiet kollha indikati fl-Ordni tal-Probation annessa ma dan il-gudizzju markata dokument PO u formanti parti integrali tal-istess a tenur tal-Artikolu 5 tal-Kap.152.

Inoltre tvarja l-ordni originali kontenuta tis-sentenza fuq indikata b’ mod li l-perijodu operattiv ikun ta’ sena millum a tenu tal-Artikolu 28 B (2)(b) tal-Kap.9.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***